# IL-KAPILLAN TA' L-GHAQDA TAGHNA



*Dun Frans Camilleri*

*Kelmtejn mill-Viċi President*

# RADD IL-ĦAJR LIL DUN FRANS CAMILLERI

• Bniedem li għal ħafna nies li jattendu l-Każin jew membri partitarji ta' l-Għaqda San Gejtanu qatt ma jgħaddilhom minn moħħhom li l-aktar persuna li għandha konnessjoni mal-Kumitat u awtomatikament ma' l-Għaqda Mużikali San Gejtanu ma huwa ħadd ħlief il-Kappillan ta' l-Għaqda Dun Frans Camilleri, li ilu mindu laħaq qassis fl-1944. Dan ifisser li ilu jservi għal aktar minn nofs il-għomor li għandha l-Għaqda tagħna, jiġifieri mhux inqas minn sitta u erbgħin sena kontinwa.

Biex wieħed jasal li jagħti dettalji ta' dan iż-żmien kollu huwa impossibbli daqs kemm huwa impossibbli li tgħid kemm il-jum u siegħat qatta' fil-Każin Dun Frans. Li żgur tista' tgħid li kull meta ġie mitlub jagħmel xi xogħol għall-Għaqda dejjem kien pront kif ukoll ma tistax issemmi x'għamel, sa nies ġab lejn il-Għaqda li jagħmlulha unur kif ukoll kemm-il poeżija kiteb għal kotba li ħarġet l-Għaqda jew ritratti li ħa dehru f'dawn il-programmi u kemm-il artiklu kkorreġa f'dawn il-programmi li ilhom joħorġu kull sena mis-sittin barra li ħarġu, fejn wieħed jiftakar fil-1950, 1951 u għall-festi tal-Ġublew tad-Deheb ta' l-Għaqda fl-1956, linji li għal Dun Frans dejjem għex fihom.

Il-ġid li għamel bil-preżenza tiegħu għal siegħat sħaħ f'sajf jew xitwa kemm fis-swali kif ukoll fil-bitħa jitkellem ma' kulħadd u fuq kull tip ta' delizzju jew sports kemm jekk huwa billiards, table tennis, darts, football lokali speċjalment fuq il-Ħamrun Spartans kif ukoll teams nazzjonali barranin li żgur li dawn l-aħħar ġranet fi żmien it-Tazza tad-Dinja Italia '90. Speċjalment kien hu meta ma kienx għad hawn television kien fissrilna t-Tazza tad-Dinja ta' Berne tal-1954 li għaliha kien preżenti flimkien ma' Ġużeppi Satariano.

Nisperaw li bl-għajnuna t'Alla il-Ħollieq li dejjem ħadem għalih il-Kappillan ta' l-Għaqda tagħna Dun Frans itih il-kuraġġ neċessarju f'dan iż-żmien meħtieġ kif ukoll it-talb fqir tagħna jgħinu sabiex nerġgħu narawh fil-każin tagħna li dejjem ħabb u ħadem għalih. Niftakruh daqqa jgħid xi ċajta jew jurina xi ritratti li kien ġibed jew xi xogħol maħdum bil-bebbux jew xi kalendarju li jkunu għażlulu ir-ritratti tiegħu. Niftakruh dejjem ġej b'xi xitla u jinżel fil-ġnien flimkien ma' Kristinu jipprova jivvinta kif jista' jsebbaħ id-dehra in ġenerali.

Barra x-xogħol li għamel ma' l-Għaqda tagħna ħadem għal ħafna snin fil-Kumitat tal-Ħabs. Dun Frans kien bniedem dejjem lest sabiex jgħin lil dawk kollha fil-bżonn. Nisperaw li l-ħanin Alla li dejjem ħadem għalih jikkompensah billi jagħtih l-għajnuna kollha li għandu bżonn f'dan il-mument diffiċli li għaddej minnu.

# Ibqa' Għarkubtejk Gejtanu

**Le, mhux ta' b'xejn,**
**Gejtanu Mqaddes,**
**il-Vara tiegħek**
**riduha hekk:**
**flok wieqaf, waħdek ...**
**tiddi bil-glorja,**
**qegħduk hekk 'l isfel,**
**u għarkubbtejk.**

**Għax dak kien l-isbaħ**
**mument ta' ħajtek**
**x'ħin 'l Ommu Mbierka**
**il-Mulej ried**
**li ttik lil Binha**
**waqt li kont tqimu,**
**mixħut quddiemu,**
**f'lejl il-Milied.**

**Kien waqt ta' l-għaġeb**
**x'ħin ħaddant miegħek**
**lil Ġesù Tfajjel,**
**ħaj, għarkubbtejk.**
**Minn din id-dinja**
**il-kobor ta' Alla**
**u ta' Marija**
**int rajt b'għajnejk!**

**Ibqa' hekk, Gejtanu,**
**itlob għalina ...**
**għal min ibati**
**bil-mard u l-ġuħ ...**
**għal min hu mwegġa' ...**
**mifrud ... u minsi ...**
**hekk, qrib, ħdejn Alla,**
**talbek ħismugħ!**

*Dun Frans Camilleri*